# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Lulju 2019

**Rikors Numru : 55/2019 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**CF**

**vs**

**LF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' CF, datat 1 ta' Frar 2019, a fol 1, fejn inghad :

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 1997 (certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok 'A'), u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal li llum huma maggorenni u t-tnejn jahdmu bi qliegh ;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Anthony Bonnici mit-tlettax (13) ta' Novembru 2018 kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u markata Dok 'B' ;*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament mis-sena 2009 u ghalhekk jissodisfaw il-vot tal-ligi li ilhom ma jghixu flimkien ghal perjodu ta' aktar minn erba' (4) snin mill-ahhar hamsa qabel llum ;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti stante illi minbarra li ilhom 'il fuq minn erba' snin (4) mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin ;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet :*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ma pprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija kontumaci (vide fol 13);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' April 2019, li permezz tieghu il-Qorti akkordat il-fakolta lill-intimata sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Artikolu 158(10), tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimata baqghet inadempjenti;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CF** xehed a fol 14 *et seqq.* illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Frar 1997 u kien ottjenew separazzjoni legali fit-13 ta' Novembru 2018 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt ulied, li huma t-tnejn maggorenni. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa mis-sena 2009, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Frar 1997 (vide Dok. A, a fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, llum maggorenni;

Jirrizulta wkoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Anthony Bonnici, datat 13 ta' Novembru 2018 (Vide Dok.B, a fol 3 et seqq., debitament awtorizzat mill-Qorti) u li ilhom jghixu separatament sa mis-sena 2009;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**